**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Victor Refalo**

Kaz Numru: 244/2016

Illum 15 ta' Gunju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **Victor Refalo,** iben Carmel u Rosaria neé Bonello, imwieled fit-28 ta' Marzu 1953, residenti fil-fond Villa Barda, Triq il-Qolla s-Safra, Marsalforn, Ghawdex, akkuzat talli nhar it-22 ta' Frar 2016 ghall-habta tal-5:30p.m. fi Triq Ghajn Qamar, Xaghra, Ghawdex;

1. Ingurja jew hedded lil Daniel Cordina bi kliem;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Id-difiza ivverbalizzat li l-Qorti kellha tisfilza d-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur il-*footage* ta' CCTV u l-istills mill-istess CCTV.

In vista tal-verbal tad-difiza, ghalkemm il-Qorti ma taqbilx mal-argumenti taghhom, mhux se tiehu konjizzjoni tal-istills u CCTV footage li hemm esebiti biex tasal ghad-decizjoni taghha;

Il-Qorti semghet sottomissjonijiet finali da parte tal-Ispettur Edel Mary Camilleri ghall-Prosekuzzjoni, da parte ta' Dr. Chris Said ghall-parte civile u da parte ta' Dr. Joseph Grech u Dr. Deborah Mercieca ghall-imputat.

**Ikkunsidarat :**

Illi qabel beda jinstema' l-kaz l-avukat tal-kwerelant offra li ssir obblikazzjoni mill-imputat u jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali. Ghalkemm l-avukati tal-imputat urew li dik kienet direzzjoni gusta, wara li kkonsultaw mal-klijent taghhom huwa ma riedx li jsir dan u ried li l-kaz jinstema' u jkun deciz mill-Qorti.

Fis-seduta xehed biss viva voce l-kwerelant Daniel Cordina u l-imputat ghazel li ma jixhidx.

Il-kaz jidher li kellu l-bidu tieghu wara dikjarazzjoni li ghamel il-kwerelant Daniel Cordina li huwa Vici Sindku taz-Zebbug, Ghawdex waqt laqgha tal-Kunsill Lokali dwar zvilupp li kien ghaddej Marsalforn fejn l-imputat ghandu kiosk.

Fit-22 ta' Frar 2016 fil-5.30 ta' filghaxija fi Triq Ghajn Qamar, Xaghra, Ghawdex l-imputat hedded lill-kwerelant li kien se « jqeghdu, jqeghdu » u dan wara li kien saq warajh minn Marsalforn sax-Xaghra « kwazi bumper ma' bumper ».

**L-artikolu 339(1)(d)**

L-artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li huwa ħati ta' kontravvenzjoni kull min *"iħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi"*.

Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Pace** deċiż fid-9 ta' Mejju 1997 intqal:

> *"Din il-kontravvenzjoni kontra l-persuna ssehh meta persuna thebb kontra persuna ohra sabiex tingurja, iddejjaq jew taghmel hsara lil dik il-persuna l-ohra jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali. Biex persuna thebb kontra persuna ohra ma hemmx ghalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fiziku; bizzejjed li jkun hemm il-potenzjalita` ta' tali kuntatt permezz tal- manifestazzjoni ta' forza fizika indirizzata lejn dik il-persuna ohra. Forsi t- test Ingliz ta' din il-kontravvenzjoni jiddeskrivi ahjar il-kuncett ta' 'hebb': '...* ***attempts to use force against any person with intent to insult, annoy or hurt such person or others ...*** *' (enfasi mizjuda). Jekk ikun hemm kuntatt fiziku multo magis wiehed jista' jghid li wiehed hebb ghal persuna ohra, sakemm il-fatt ma jammontax ghal xi reat iehor jew reat aktar gravi".*

Il-Qorti kkunsidrat dak li qalet id-difiza fis-sottomissjoni finali li l-imputat ghandu jkun liberat fuq konflitt ta′ provi.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tiskanta kif id-difiza qeghda ggib dan l-argument meta l-imputat kif kellu dritt jaghmel ghazel li ma jixhidx u b′hekk irrinunzja milli jaghti l-verzjoni tal-fatti kif sehhew biex jirribatti l-verzjoni tal-kwerelant.

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru, 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker (*Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997*)** gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002*** fil-kawza fl-

ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x' jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b' zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet, jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

**Ikkunsidrat:**

Illi fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza Pulizija vs. Joseph Thorn deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll* ***Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino 19 ta' Ott****ubru 2006)."*

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. John Pace** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> *"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk*

*emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Il-kompitu ta` din il-Qorti hu li taghmel analizi approfondita tal-provi mressqa mill-partijiet. U wara li taghmel tali ezami, trid taghmel id-domanda jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx il-kaz taghha skond il-ligi.

Huwa vera li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu necessarjament igib il-liberazzjoni ta` dak jew dik li jkunu gew akkuzati b'reat. Anzi, fejn hemm tali kunflitt, il-Qorti trid tkun aktar attenta fl-analizi taghha biex tara jekk hemmx xi fatt iehor rizultanti mill-atti li jista' jixhet dawl fuq ir-rizoluzzjoni tal-kawza.

Din il-Qorti hekk ghamlet u wara tali analizi tinsab f'qaghda tiddikjara illi f'dan il-kaz, mehud kollox flimkien, din il-Qorti tpoggiet f'pozizzjoni li fiha tista' legittimament tiddikjara l-htija tal-imputat skond il-ligi.

**Ikkunsidrat:**

Dwar il-piena l-Qorti rat x'jipprovdi l-Kodici Kriminali (Kap. 9) dwar pieni marbuta meta tinstab htija ta' kontravenzjoni skont dak li jipprovdu Artikolu 7(2):

Artikolu 7(2) jipprovdi:

*il-pieni li jistgħu jigu mogħtija għall-kontravvenzjonijiet huma -*

*(a) id-detenzjoni;*

*(b) l-ammenda;*

*(c) ic-canfira jew it-twiddiba.*

Il-Qorti tinnota li hawnhekk ghandha kaz fejn it-theddid sar fil-konfront ta' persuna eletta fil-Kunsill Lokali. Il-kwerelant fil-kariga fdata lilu mic-cittadini li eleggewh jistennew minnu li hu jitkellem f'isimhom u hadd m'ghandu dritt jintimidah fil-qadi ta' dmirijietu anke jekk ma jaqbilx mieghu.

L-imputat kellu c-cans kollu li b'mod civili juri li ma jaqbilx ma' dak dikjarat mill-kwerelant u mhux jaghmilha ta' *cowboy*, isuq wara l-kwerelant minn Marsalforn, jieqaf wara l-propjeta' tieghu fix-Xaghra u jheddu bi kliem.

Il-Qorti ma tittollerax dan u jekk ghad hawn minn f'din il-gzira jahseb li jista' jaghmel li jrid u se jsib xi kenn minn din il-Qorti qieghed jizbalja.

Il-Qorti thoss li l-pulizija kienu xotti hafna fejn tidhol l-akkuza migjuba kontra l-imputat u thoss li l-pulizija naqsu meta ma prezentawx ukoll akkuzi kontra l-imputat dwar ksur tar-regolamenti tat-traffiku. Il-Qorti talbet investigazzjoni interna fi hdan il-pulizija dwar il-mod kif kien investigat dan il-kaz u kif kienet redatta l-akkuza.

Il-Qorti tista' ssib htija biss fuq l-akkuza migjuba u mhux fuq akkuzi li ma gewx imressqa kontra l-imputat.

**Il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi tal-kaz u anke biex tipprotegi lil dawk li jaghtu servizz fil-lokalitajiet taghna ghandha timponi l-piena ta' detenzjoni.**

**Decide:**

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 339(1)(d), 637 u 638 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal xahrejn (2) detenzjoni.

______________________________

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**